Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,679, 6 ta' Awwissu, 2021
Taqsima B

A.L. 329 tal-2021

ATT DWAR SOĊJETAJIET KOPERATTIVI (KAP. 442)

Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti li Jistabbilixxu Penali u Sanzjonijiet Amministrattivi dwar l-Għaqdiet Koperattivi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 17 u 108 tal-Att dwar Soċjetajiet Koperattivi, il-Ministru għall-Enerġija, l-Intrapriża u l-Iżvilupp Sostenibbli għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti li Jistabbilixxu Penali u Sanzjonijiet Amministrattivi dwar l-Għaqdiet Koperattivi u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti li Jistabbilixxu Penali u Sanzjonijiet Amministrattivi dwar l-Għaqdiet Koperattivi, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 442. 04.

Jissostitwixxi r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

"Dejn ċivili li jikkostitwixxi titolu eżekuttiv.

3. Il-Bord għandu jkollu s-setgħa li jimponi pieni u sanzjonijiet amministattivi skont l-Iskeda u tali penali jew sanzjoni amministrattiva għandha titħallas lill-Bord bħala dejn ċivili li jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili bħallikieku l-ħlas tal-ammont tal-multa kien ordnat minn sentenza ta' qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili.". Kap. 12.

Jissostitwixxi r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi

Verżjoni Elettronika

sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

"Sospensjoni ta' pieni u sanzjonijiet amministrattivi.

Kap. 465.

6. Il-Bord jista', f'ċirkostanzi eċċezzjonali fejn tkun dikjarata emerġenza tas-saħħa pubblika jew jidħlu fis-seħħ regolamenti bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 26 tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, matul il-perjodu meta l-emerġenza tas-saħħa pubblika tkun fis-seħħ jew ir-regolamenti ikunu fis-seħħ, jissospendi l-perjodu meta jimponi l-pieni u s-sanzjonijiet amministrattivi stabbiliti fl-Iskeda dwar il-ksur tal-artikoli 48, 64(1) u 65(1) tal-Att sa massimu ta' ħamsa u sebgħin (75) jum sakemm l-emerġenza tas-saħħa pubblika titneħħa mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika jew ir-regolamenti ma jibqgħux fis-seħħ.".